MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 246/2006

**Illum 27 ta' Novembru 2006**

**App Nru 246/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lucy Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lucy Saliba bint Francis Saliba u Antonia nee` Farrugia talli fl-01.09.2005 fil-Qorti t'Ghawdex ghal habta ta' l-10:45 ta' filghodu:

1. kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. ingurjat jew heddedt lil Maria Cini bil-kliem; u

3. kisret l-Art. 383 b’sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex (Magt Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.) nhar 1 ta’ Settembru 2005;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta’ Gunju 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Lucy Saliba mhux hatja skond it-tielet imputazzjoni u minnha lliberatha, izda sabitha hatja skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Lucy Saliba, minnha prezentat fl-4 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talbet ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza b’mod li allura tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006; ikkunsidrat:

L-appellanti bazikament ressqet tlett aggravji ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti, izda fl-imsemmija udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006, hija irtirat l-ewwel tnejn minn dawn l-aggravji. Jifdal, ghalhekk, x’jigi kkunsidrat it-tielet aggravju li hu essenzjalment li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li tressqu quddiemha bhala prova.

Fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006 din il-Qorti regghet semghet il-provi tal-prosekuzzjoni, konsistenti fid-deposizzjonijiet ta’ Maria Cini u ta’ Ursola Agius. Minn dawn id-deposizzjonijiet jirrizulta li fl-1 ta’ Settembru 2005, kif appena Maria Cini harget mill-awla tal-Qorti fejn ftit qabel kienet ghadha kif xehdet f’kwaza li kellha kontra l-istess appellanti, din ta’ l-ahhar, fil-kuridur barra l-awla, qaltilha “Qahba nittiena. B’daqshekk issa x’hadt?” Issa, dawn il-kliem, u in partikolari l-kliem “Qahba nittiena” huma certament ingurjuzi, u jassmu gravita` partikolari meta jinghadu fl-edifizzju tal-Qorti u, *per di piu`*, fil-konfront ta’ parti jew xhud f’kawza. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, kliem ingurjuz bhal dak fl-edifizzju tal-Qorti – fejn ix-xoghol irid isir minn kulhadd, inkluzi x-xhieda, b’serenita` u dekor li huma tnejn minn

diversi prerekwiziti ghall-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja – huwa assolutament intollerabbli u ma jistax hlief igib bhala konsegwenza piena karcerarja. Din il-Qorti, pero`, tosserva li dan il-kliem *per se* ma jammontax ghal ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika (*breach of the peace*) kif dan ir-reat gie definit diversi drabi minn din il-Qorti; u ma hemm xejn fil-provi li juri li kien hemm tali ksur. Ghalhekk l-appellanti sejra tigi liberata wkoll mill-ewwel imputazzjoni u ser ikun hemm modifika anke fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellanti hatja skond it-tielet imputazzjoni kif ukoll in kwantu sabitha hatja skond it-tieni imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija, cioe` fejn sabet lill-appellanti hatja skond l-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatha gimgha detenzjoni, u minflok tikkundannaha ghall-piena ta' sitt (6) ijiem detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------